30 ta' Mejju, 1953

**Imħallef :**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Thomas W. Hedley pr. et ne. *versus* Emanuel C. Tabone, M.L.A. et.

**Libell — Korp Morali — Inġurja Kollettiva — Verità tal-Konviċju — Ġurnal — Servilizmu — Editur — Kompensazzjoni.**

*Korp morali jista' jagħmel kawża ta' libell għal offiżi fir-riputazzjoni tiegħu; s'intendi illi l-korp morali ma jistax, "ex natura rerum", jaġixxi għal ċerti imputazzjonijiet li jista' jaġixxi għalihom individwu.*

*L-imputazzjoni li ġurnal isegwi politika ta' servilizmu, bħala li b'hekk ikun qiegħed jonqos minn funzjoni fondamentali ta' l-stampa — dik edukativa — hija inġurjuża; u għalhekk min jimputa servilismu lill-ġurnal ikun qiegħed jimputa lill-"Corporation" li tmexxi dak il-ġurnal li hija qiegħda tmexxi l-"business" tagħha hażin u*

*b'mod inefficjenti; u jirrendi ruhu hati ta' ingurja kontra dak il-korp morali bhal fil-kaz ta' kwalunkwe imputazzjoni li tattribwixxi lill-gurnal xejra dizonesta.*

***Qabel ma** l-Qorti tidhol fl-eccezzjoni tal-verità tal-konvicju, huwa loġiku li l-Qorti tiddeċidi preliminarment jekk l-artikolu nkriminat huwiex libelluż; għax jekk l-artikolu ma hux libelluż, ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tal-"justification", u biex il-Qorti ma taffrontax il-kwistjoni tal-verità bla bżonn.*

***Għall-finijiet** ta' libell ma hemmx bżonn li l-persuna ngurjata tiġi msemmija b'isimha, imma hu biżżejjed li numru sostanzjali ta' persuni raġjonevoli jifhmu għal min hu ntiż l-artikolu nkriminat.*

***Jekk** l-artikolu hu libelluż, hu tali tant fil-konfront ta' l-editur, li jagħti l-indirizz lill-ġurnal, kemm ukoll lill-korp morali li jmexxi dak il-ġurnal.*

***In tema** ta' ingurja hija ammissibili bħala difiża l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni; u ma jidhirx li din id-difiża ma tistax tingieb ukoll fl-ingurja per mezz ta' l-istampa.*

---

(*) Ara sentenza fil-meritu, mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 (pubblikata).

**Il-Qorti** — Rat il-kwerela magħmula minn Thomas W. Hedley, personalment u bħala Editur tat-"Times of Malta" u in rappreżentanza ta' l-istess ġurnal, u Victor Frederick Denaro bħala segretarju u in rappreżentanza ta' l-"Allied Malta Newspapers Limited", kontra l-kwerelat, talli fil-ħarġa ta' "Is-Sebħ" tas-6 ta' Diċembru 1952, per mezz ta' artikolu fl-ewwel faċċata intitolat "Insulti lill-Haddiema tad-Difiża", miktub mill-kwerelat Tabone u publikat mill-kwerelat Laivi-ra, huma nġurjaw gravement lill-kwerelanti;

Rat is-sentenza preliminari tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-29 ta' Jannar 1953, fejn ġiet rigettata t-talba tal-kwerelati li tiġi mogħtija deċiżjoni preliminari fuq jekk l-artikolu nkriminat kienx libelluż jew le;

Rat is-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Frar 1953, li biha dik il-Qorti ddeċidiet li l-kwerelant Denaro ma hux kolpit bl-artikolu in kwstjoni, u għalhekk ma għandux ebda azzjoni kontra l-kwerelati, li konsegwentement ġew liberati di fronti ta' l-imsemmi kwerelant Denaro, u ddikjarat l-artikolu

libelluż fil-konfront tal-kwerelant Hedley, u għalhekk sabet lill-kwerelati ħatjin skond il-kwerela ta' l-istess Hedley, u kkundannat lil kull wieħed mill-kwerelati għall-multa ta' £5, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu kwantu għal nofs mill-kwerelant Denaro u kwantu għan-nofs l-ieħor mill-kwerelati; u fuq it-talba tal-kwerelanti ordnat illi fil-ħarġa tal-gazzetta "Is-Sebħ", mhux iżjed tard mit-tieni wahda, tiġi publikata s-sentenza jew sunt komprensiv tagħha għat-termini ta' l-art. 23 ta' l-imsemmi Kap. 117;

Rat ir-rikors li bih il-kwerelanti Victor Denaro, fil-kwalità li fiha qiegħed jaġixxi, talab li tiġi riformata s-sentenza appellata, billi jiġi dikjarat li l-artikolu nkriminat hu libelluż anki fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż kollha kontra l-kwerelati;

Rat ir-rikors tal-kwerelati, li appellaw mis-sentenza preliminari fuq imsemmija tad-29 ta' Jannar 1953, u mis-sentenza finali fuq imsemmija, u talbu li jiġi deċiż li hemm lok għal sentenza preliminari dwar jekk l-artikolu hux libelluż jew le; u li s-sentenza finali tiġi riformata, billi l-appellanti jiġu dikjarati mhux ħatjin fil-konfront anki tal-kwerelant Hedley, bl-ispejjeż;

Trattati dawn l-appelli, huwa xieraq li jiġu għal issa deċiżi dawn il-punti :—

1. Jekk korp morali jistax jagħmel kawża ta' libell għal offiża fir-riputazzjoni tiegħu;

2. Jekk il-kwistjoni tal-karattru libelluż ta' l-artikolu għandhiex tiġi maqtugħa preliminarjament;

3. Biss fil-każ ta' eżitu favorevoli għall-kwerelati, tal-pont no. 2, allura l-Qorti tgħid jekk l-artikolu huwiex libellluż jew le;

4. Fil-każ biss li l-Qorti tasal fl-opinjoni li hu libelluż, allura taqta' jekk hemmx il-kompensazzjoni nvokata mill-kwerelati;

Ikkunsidrat, wara li semgħet l-argumenti;

Dwar l-ewwel pont;

L-Imħallef sedenti kellu ġà okkażjoni jikkunsidra dan il-pont fil-kawża "Strickland vs. Scorey", App. Krim. 17. 10. 49, u ddeċieda fis-sens li "bodies having a corporate personality" jistgħu jaġixxu għal inġurja li toffendi l-"collective reputation" tagħhom;

L-Imhallef sedenti, wara li rrifletta fuq l-argumenti sottomessi, u wara li rrikunsidra l-każ, ma jsib ebda raġuni biex ivarja l-opinjoni minnu ġà espressa fis-sentenza ċitata; anzi jista' jgħid li, minn riċerka ulterjuri li hu għamel, hu sahhaħ din l-opinjoni. Il-Fraser, fil-ktieb "The Law of Libel and Slander", 3rd. edition, p. 79, jgħid hekk :— "The law of libel is one and the same as to all plaintiffs. In every action of libel, whether the statement is, or is not, a libel, depends on the same question, viz. whether the jury are of opinion that what has been published with regard to the plaintiff would tend, in the minds of people of ordinary sense, to bring the plaintiff into contempt, hatred, or ridicule, or to injure his character. The question is really the same, by whomsoever the action is brought, whether by a person, a firm, or a company";

S'intendi, "corporation" jew "company" ma tistax, "ex natura rerum", taġixxi għal ċerti imputazzjonijiet li jistgħu jaġixxu għalihom l-individwi. "A corporation or company", ikompli jgħid, loc. cit., l-istess awtur, "could not sue in respect of a charge of murder, or incest, or adultery, because it could not commit these crimes. Nor could it sue in respect of a charge of corruption or of an assault, because a corporation cannot be guilty of corruption or of an assault.........." Iżda tista', "inter alia", taġixxi jekk tiġi milquta "in the method of conducting its affairs". Hekk ukoll, fil-Halsbury, Hailsham edition, Vol. 20, p. 391, jingħad :— "But a company can maintain an action for a defamatory statement made of it in respect of its business". U l-Halsbury jiċċita in nota (i) diversi deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi fuq kwereli ta' libelli magħmulin minn "corporations", bħal "Linotype Co. Ltd.", "Slazengers Ltd.", "Irish People's Assurance Society", ecc.;

Issa, jekk hu veru dak li jallegaw il-kwerelanti, li fl-artikolu nkriminat hemm l-imputazzjoni li l-"policy" tat-Times of Malta, li hu wieħed mill-ġurnali publikati mill-"Corporation" ta' l-"Allied Malta Newspapers Limited", li għaliha jidher l-appellant Denaro, hija "policy" ta' servilismu, u li hija "policy" tali li tispira avviż fejn il-ħaddiema tad-Dockyard—Malta huma kwalifikati bħala tajbin għas-serq u sabotage, hu indubitat li, għal inġurja simili, "corporation" tista'

tħittex, għax tolqotħa filli tirrisolvi ruħha f'imputazzjoni li dik il-"corporation" qiegħda tikkonduċi "its business badly and inefficiently" (ara Halsbury loc. cit.). Biżżejjed wieħed jirrifletti fuq l-istudji li saru mill-"Assembly of the League of Nations", permezz ta' l-"Intellectual Co-operation Organisation", dwar dak li jissejjaħ "the educational role of the Press" (ara l-ewwel volum publikat f'Parigi mil-League of Nations, International Institute of Intellectual Co-operation, taħt ittitolu "The Educational Role of the Press", 1934), biex jipperswadi ruħu li ġurnal li jsegwi "policy" ta' servilismu jkun qiegħed jonqos minn funzjoni fondamentali ta' l-istampa—dik edukativa; u għalhekk min jimputa servilismu lill-"corporation" li qiegħda tmexxi dak il-ġurnal, ikun qiegħed jimputa wkoll lil dik il-"corporation" li qiegħda tmexxi l-"business" tagħha "badly" u "inefficiently". F'pajjiżi demokratiċi, inoltre, fejn il-Press ma hix kontrollata, l-indipendenza editorjali tal-ġurnal hija kwalità "sine qua non"; u min jattakka dik l-indipendenza bit-taċċja ta' servilismu jkun qiegħed jilledi r-riputazzjoni tal-"corporation" li toħroġ dak il-ġurnal. Kif osserva Paul Scott Maurer f'monografija "The Press and the Public" (riprodotta fil-volum fuq imsemmi) :— "A journalist may be a fervent patriot, an enthusiastic party member, a faithful employee, but at the same time, in his strictly journalistic function, his first loyalty is not to country, party or paper, but to his readers. The basic assumption of the newspaper is that the public has a right to know truthfully and objectively what is happening. The newspaper which fails to gain and to keep, or which is discovered to have betrayed, the confidence of its readers, has lost all..........";

Għalhekk, ġurnal li jsegwi "policy" ta' servilismu ma jkunx qiegħed jagħti n-"news truthfully and objectively", għax ikun qiegħed jiżnaturahom bis-servilismu; u f'dan is-sens il-"policy" hija, in ultima analisi, rovinuża ekonomikament għall-istess ġurnal, li f'każ simili jkun "lost all". Kwindi imputazzjoni ta' servilismu hija imputazzjoni ta' "bad business", u għalhekk azzjonabili mill-"corporation" li hija responsabili għal dak il-ġurnal;

Għal każ simili, ta' addebitu ta' servilismu lil ġurnal, jis-

tgħu jiġu applikati l-istess kliem li ntqalu mill-Imħallef Ingliż Lord Ardmulian, fil-kawża North & Scotland Banking Co. v. Duncan (1857) 19 D. at p. 885 (Ct. of Sess.), ċjoè:— "A bank, sustained by public confidence, has no better heritage than credit and character; and a false accusation affecting its credit and character, and injuring it by creating distrust and alarm, is surely a wrong of a slanderous description, for which reparation may be sought";

Ma għandux jintnesa, f'din il-materja, li kwalunkwe imputazzjoni li tattakka l-"policy" ta' gurnal, billi tattribwilu xejra diżonesta, kif inhi l-allegazzjoni ta' servilismu, hija konnessa strettament mal-"business" tal-gurnal; għax il-"policy" tal-gurnal hija fattur taċ-"circulation", u jekk dik il-"policy", għax servili, ma tingħoġobx, iċ-ċirkolazzjoni tista' tonqos u t-"trade" tal-gurnal jiddeterjora. Għalhekk imputazzjoni simili hija allegazzjoni "in the way of their trade", u, kif qal il-Lord Chancellor (Halsbury) sedenti ma' l-Imħallfin Macnaghten u Morris, fil-kawża Linotype Company Limited vs. British Empire Type-Setting Machine Company Limited, Law Times Report Vol. LXXXI, p. 331 :— "The plaintiffs are a company apparently for the express purpose of dealing with these machines, and it would be impossible, I think, to distinguish between the rights of an individual and the rights of a corporation to be protected from defamatory matter said of them in the way of their trade..........";

Hu xieraq li jiżdied li l-Ewwel Qorti ċċitat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla Civili in re "Goodwin vs. Bartolo", tas-17 ta' Jannar 1938, li kienet irriteniet li korp morali ma għandux d-dritt li jagħmel "ut sic" kawża ta' libell. Iżda dik is-sentenza giet fuq dan il-punt revokata mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Ottubru 1938 (ara Kollezzjoni Vol. XXX—I—217), fejn il-Qorti Suprema qalet li ma kienetx taqbel mal-"limited construction" ta' l-Ewwel Qorti, u rriteniet li anki "collective bodies, companies" u "institutions", jistgħu jazzjonaw għal libell. Aktar reċentement, il-Prim'Awla, b'deċiżjoni tagħha tal-1 ta' Frar 1950, fil-kawża "Vigo vs. Hedley ne.", irriteniet appuntu illi "corporations" jistgħu jagixxu għal libell;

Għalhekk din il-Qorti hija ta' fehma li "corporation"

tista' tfittex għal ingurja għas-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi;

Dwar it-tieni pont, ċjoè jekk il-kwistjoni tal-karattru libelluż ta' l-artikolu għandhiex tiġi maqtugħa preliminarjament;

Ikkunsidrat;

Proprjament, almenu fil-każ preżenti, il-kwistjoni hija jekk, qabel ma l-Qorti tidħol fl-eċċezzjoni tal-verità tal-konviċju, għandhiex tiddeċidi preliminarjament jekk l-artikolu huwiex libelluż;

Ikkunsidrat dwarha;

L-Imħallef sedenti hu ta' fehma li l-kwerelati għandhom raġun fuq dan il-pont. Infatti, hu ċert illi "the defence of truth is only required on the assumption that the defendant has published a defamatory statement" (ara Halsbury, loc. ċit., p. 451). Jekk, għalhekk, l-artikolu ma hux libelluż, ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tal-"justification". Kwindi jidher loġiku illi jiġi deċiż l-ewwel dak il-pont, biex il-Qorti ma taffrontax il-kwistjoni tal-verità bla bżonn;

Jista' jiġi obbjettat li l-provi tal-"plea of justification" huma neċessarji, jew jistgħu jkunu neċessarji, jew almenu utili, biex il-ġudikant jifforma l-ġudizzju tiegħu dwar jekk l-artikolu hux libelluż jew le. Din l-obbjezzjoni hija, però, superata b'dawn il-konsiderazzjonijiet. L-artikolu inkriminat jista' jikkonsisti f'"allegations of fact" u f'"expressions of opinion". In kwantu għall-"allegations of fact" hu prinċipju, f'din il-materja, illi "it is no point of the plaintiff's case in an action of defamation to prove that the words complained of are false, for the law presumes this in his favour". Jekk huma veri, allura jkun hemm "a complete defence", imma din tkun materja tal-"plea of justification" (ara Gatley, Libel and Slander, p. 172); wwoldiri illi, biex il-Qorti tgħid preliminarjament jekk l-allegazzjonijiet ta' fatt ta' l-artikolu humiex jew le "prima facie" libellużi, ma għandhiex bżonn tidħol fil-kwistjoni tal-verità jew le ta' dawk l-allegazzjonijiet, għax tista' tippreżumi l-falsità tagħhom, salv imbagħad lill-imputat, jekk il-Qorti tiddeċidi li huma libellużi, li bl-eċċezzjoni tal-verità tal-konviċju jipprova li dawk l-allegaz-

zjonijiet huma veri, u b'hekk jirrespingi l-azzjoni ta' libell, li, apparti l-prova tal-"justification", kienet tidher "prima facie" fondata bin-natura diffamatorja ta' l-"allegations of fact". Imma jekk il-Qorti tgħid li l-"allegations of fact" ma humiex libellużi, allura ma hemmx sens li tiġi affrontata l-kwistjoni tal-"justification";

In kwantu għall-"expressions of opinion", huwa veru li l-Qorti, biex tgħid humiex libellużi jew le, għandha tara jekk jikkostitwux "fair comment"; għax jekk huma "fair comment", allura ma humiex diffamatorji. Hu veru wkoll li presuppost indispensabili tal-"fair comment" hu li l-fatt kommentat ikun veru; għax, kif qal l-Imħallef Kennedy fil-kawża Joynt v. Cycle Trade Publishing Co. (1904) 2 K.B. p. 294, "the comment must not mis-state facts, because a comment cannot be fair which is built upon facts which are not truly stated" — prinċipju adottat f'diversi kawżi oħra tal-Qrati Ingliżi (ara Hunt vs. Star Newspaper Co. Ltd. 1908, 2 K.B. p. 317-20, u Peter Walker & Son Ltd. v. Hodgson (1909), 1 K.B. p. 252). Għalhekk jista' jiġi argumentat illi, jekk, biex il-Qorti tgħid jekk l-artikolu hux jew le libelluż, hemm bżonn li, kwantu għall-kommenti, tara humiex 'fair', u jekk biex tara humiex "fair", allura l-provi tal-verità talkonviċju huma almenu utili, kwindi jkun aħjar li l-indaġini jekk l-artikolu hux libelluż jew le tiġi affrontata flimkien ma' l-indaġini dwar il-"justification". Però ma hux hekk, għax bejn id-difiża ta' "fair comment" u ta' "justification" hemm din id-differenza fondamentali. Fil-każ tal-"plea of justification" l-imputat għandu jipprova l-verità talfatti kollha, mentri fil-każ tad-"defence of fair comment" hu tenut jipprova biss dak il-fatt li jkun ikkommenta fuqu. Barra minn hekk, biex tirnexxi l-"plea of justification", jeħtieġ li hu jipprova l-"verità" tal-komment, mentri fil-każ tal-"fair comment" biżżejjed jipprova li l-komment huwa "fair" (ara Gatley, ibidem p. 177 u p. 368);

Din id-distinzjoni, li l-Halsbury, b'ċitazzjoni kopjuża ta' awtoritajiet in nota, isejjaħ "essential" (loc. ċit. p. 497), tiġi newtralizzata jekk il-Qorti takkumula ż-żewġ punti tan-

natura libelluża ta' l-artikolu inkriminat u dak tal-verità tal-konviċju;

Gie sottomess mill-kwerelanti li b'deċiżjoni preliminari dwar il-karattru libelluż jew le ta' l-artikolu jista' jkun hemm l-inkonvenjent ta' deċiżjoni li tafferma l-libell, u mbagħad waħda posterjuri fl-istess kawża li teskludih minħabba li l-imputat jagħmel il-prova tal-verità. Dan l-inkonvenjent fil-fatt ma jistax ikun hemm loku, għax f'każ simili għal dak ipotizzat it-tieni deċiżjoni ma tkunx qiegħda tgħid li l-artikolu mhux libelluż, imma tkun qiegħda tgħid li ma hemmx "cause of action"; għax il-liġi ma tippermettix li, fil-każijiet li fihom hi sollevabili l-"plea of justification" (ara art. 16 Kap. 117), bniedem jieħu sodisfazzjon dwar ingurja għar-ripputazzjoni li hu, atteża l-verità ta' l-imputazzjoni, ma għandux dritt għaliha. "The truth of the imputation is an answer to the action not because it negatives malice, but because the plaintiff has no right to a character free from that imputation; and if he has no right to it, he cannot recover damages for the loss of it; it is 'damnum absque injuria'." Għalhekk ma jista' jkun hemm ebda kontradizzjoni;

Kif jidher minn dak li ngħad, u kif jidher mill-Kollezzjoni tas-sentenzi nostrali f'din il-materja, il-ġurisprudenza Maltija ssegwi ħafna l-prinċipji tas-sistema Ingliż, salvi dejjem id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi lokali (Kap. 117 Ediz. Riv.). Għalhekk kien ikun interessanti li anki dwar dan il-pont jiġi preċiżat x'inhija l-prattika Ingliża. Mir-riċerki li seta' jagħmel l-Imħall[illegible]denti, jidher li l-prattika tal-Qrati Ingliżi hija li dan il-pont, ċjoè dak tal-karattru libelluż jew le ta' l-artikolu inkriminat, jista' jiġi sollevat bħala pont ta' liġi, u, jekk jiġi deċiż li l-artikolu mhux libelluż, il-kawża tieqaf. Infatti l-Odgers (On Libel and Slander, 6th. edit. pag. 513) jgħid hekk:— "Again, if the defendant desires to contend that the words cannot possibly be construed into a libel or slander, such a contention may rightly be stated as a point of law; if it be well founded, the judge should withdraw the case from the jury";

Għalhekk jidher li hu sewwa li l-pont tal-karattru libelluż o meno ta' l-artikolu inkriminat jiġi deċiż preliminarjament;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti hi ta' fehma :—

1. Illi l-appellant Victor Denaro fil-kwalità li qiegħed jikkwerela, għandu "locus standi" għas-sens ta' dak li ntqal;

2. Illi l-kwistjoni jekk l-artikolu huwa jew le libelluż għandha tiġi deċiża preliminarjament;

Għalhekk il-Qorti tgħaddi biex tiddeċidi din il-kwistjoni;

Il-Qorti hi sodisfatta, qabel xejn, li l-artikolu jirriferixxi għat-"Times of Malta". Il-kliem ta' l-aħħar paragrafu ta' l-artikolu inkriminat huma biżżejjed elokwenti. Ma hemmx bżonn, għall-finijiet tal-libell, li l-persuna inġurjata tiġi msemmija "nominatim", imma hu biżżejjed li numru sostanzjali ta' persuni raġjonevoli jifhmu għal min huwa intiż l-artikolu (Gatley, loc. cit., p. 119);

Il-Qorti hi wkoll sodisfatta li fl-artikolu in parola hemm imputazzjonijiet inġurjużi tant għall-"corporation" li għaliha jidher il-kwerelant Denaro, kemm għall-kwerelant Hedley fil-kwalità li qiegħed jikkwerela. Meta l-artikolu jsejjaħ il-ġurnal, li tiegħu hu editur il-kwerelant Hedley u sid l-"Allied Malta Newspapers Limited", bħala stampa servili, li xxandar il-veleno fostna, li dik l-istampa ispirat avviż li fih il-ħaddiema tad-Dockyard ġew kunsidrati bħala tajbin għas-serq u sabotage, hu indubitat li qiegħda tiġi inġurjata l-"corporation" li għandha dak il-ġurnal, u qiegħed jiġi inġurjat l-editur li jmexxi dak il-ġurnal. Qiegħda tiġi inġurjata l-"corporation", għax dawk l-imputazzjonijiet ifissru li hija qiegħda ssegwi l-"policy" kuntrarja għal dak li għandu jkun il-ġurnal, "policy" li biha tirrendi l-Maltin servili, li biha tinsulta l-ħaddiema tad-Dockyard Malti u tavvelena l-Ingliżi kontra l-Maltin, "policy" mhux edukativa u mhux indipendenti — liema imputazzjonijiet huma imputazzjonijiet li jolqtu l-"business" tagħha, kif fuq ingħad, għax jistgħu jippreġudikaw iċ-ċirkulazzjoni tal-ġurnal, kif ukoll ħsara għar-riputazzjoni tagħha. Qiegħed jiġi inġurjat l-editur, għax hu dan li jagħti l-indirizz lill-ġurnal, u dawk l-imputazzjonijiet inaqqsu r-rispettabilità tiegħu;

Għalhekk il-Qorti hi ta' fehma li l-artikolu inkriminat huwa "prima facie" libelluż, fil-konfront tant tal-kwerelant Hedley kemm ukoll tal-kwerelant Denaro, fil-kwalitajiet tagħ-

hom rispettivi indikati fil-kwerela;

Il-kwerelati eċċepew il-kompensazzjoni; liema eċċezzjoni huma bbażaw fuq dak li hemm fil-"leading article" li deher fit-Times of Malta tal-11 ta' Diċembru 1952, eżibit bħala dok. K fost dawk li hemm fl-inkartament. Hu risaput li, in tema ta' ingurja, hi ammissibili bħala difiża l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni, bażata fuq id-dett ruman "Retorsio tollit injuriam et injuria actionem, quoniam qui ipse sibi judex extitit auxilio magistratus postea indignus est". Ma jidherx li din id-difiża ma tistax tingieb ukoll fl-ingurja permezz ta' l-istampa (ara monografija tal-Vescovi, Dig. Italiano Vol. XIII. para. 156, p. 1046, voce Ingiuria e Diffamazione);

Però, fil-każ in ispeċje l-Qorti ma ssibx li kien hemm din il-kompensazzjoni, għax xejn ma hemm fl-artikolu tat-Times of Malta li deher fil-11 ta' Diċembru 1952, hames ijiem wara dak inkriminat tas-6 ta' dak ix-xahar, li jista' jissejjaħ libelluż. F'dak l-artikolu hemm pjuttost ilment f'termini vivaċi dwar dak li hemm fl-artikolu inkriminat. L-espressjonijiet "venomously", "distortion of facts", "extremist politicians", fil-kontest ta' dak l-artikolu tat-Times of Malta, ma humiex ħlief kliem, avvolja "strong", li ma jistgħux jiġu ritenuti ingurjużi, u kwindi ma jistgħux joffru materjal ta' kompensazzjoni. Barra minn hekk, hu ta' min josserva li, anki kieku kellu jiġi ritenut — dak li ma hux — li f'dak l-artikolu hemm xi kliem ingurjużi, allura, peress li b'dak l-artikolu t-Times of Malta kien qiegħed jiddefendi ruħu, hemm a favur ta' dak il-ġurnal dak li jissejjaħ "qualified privilege", b'publikazzjoni bħal dik ta' l-artikolu inkriminat, ċjoè f'ġurnal (ara Fraser, Law of Libel and Slander, p. 136); u għalhekk ma hemmx, lanqas minn dan l-aspett, materjal ta' kompensazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiddikjara, prevja revoka ta' dak li rriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza finali tagħha fuq imsemmija, illi "corporation" tista' tfittex għal ingurja għas-sens ta' dak li ntqal;

Billi tiddikjara, prevja r-revoka tas-sentenza in parte ta' l-Ewwel Qorti fuq imsemmija, illi f'każijiet simili hu sped-

jenti li tingħata qabel xejn deċiżjoni dwar jekk l-artikolu hux libelluż jew le;

Billi tiddikjara, previja riforma tas-sentenza finali fuq imsemmija, li l-artikolu inkriminat hu "prima facie" libelluż (salvi l-eċċezzjonijiet l-oħra tad-difiża) mhux biss fil-konfront tal-kwerelant Hedley, imma anki fil-konfront tal-kwerelant Denaro fil-kwalità li fiha qiegħed jidher, u tiddikjara wkoll li dan il-karattru libelluż ma hux eskluż bil-kompensazzjoni eċċepita mill-kwerelati;

Ti riżerva għas-sentenza finali ta' din il Qorti d-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż;

U b'dan is-sens ipprovdiet, għal issa, fuq l-appelli rispettivi;

U ordnat li tiġi prosegwita t-trattazzjoni tal-kawża.